**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 466/02 AE**

**APS Bank Limited**

**Vs**

**Godwin Guntrip u Rita Guntrip**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf tlett mija u dsatax-il lira Maltija u sitta u disghajn centezmu (Lm1,319.96), dovuti in kwantu ghal Lm1,259.39 bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 12845530023 u kwantu ghas-somma ta' Lm60.57 bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 12845530034, oltre l-imghax b'effett mit-28 ta' Dicembru 2001, in kwantu ghal Godwin Guntrip bhala debitur principali u l-konvenut l-ohra bhala garanti solidali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-avviz tat-talba, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lil Louise Spiteri in rapprezentanza tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti li jinsabu ezebiti fl-atti processwali.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta’ elf tlett mija u dsatax-il lira Maltija u sitta u disghajn centezmu (Lm1,319.96) kif fuq spjegat, bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma kollha ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**